**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 12**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Daniel Ablett
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**
Nicholai Falzon

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

12.1 **TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

12.2 **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Nicholai Falzon ma setax jattendi minħabba li qiegħed jagħmel l-eżamijiet.

12.3 **Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet u l-iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Jannar 2025.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ippropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo i**ssekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet u tal-Petty Cash għax-xahar ta' Jannar 2025.

12.4 **Komunikazzjoni tas-Sindku**

12.4.1 **Mithna ta' L-Erwieħ/ta' Pampalaw fi Triq il-Mitħna**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li fl-14 ta' Jannar 2025 ġie approvat il-proġett tar-restawr tal-Mitħna ta' L-Erwieħ/ta' Pampalaw, Application Number: PA/07376/24.

Għaldaqstant din il-ġimgħa il-Kunsill ipprepara garanzija bankarja ta' €12,000 sabiex tiġi ippreżentata lill Awtorità tal-Ippjanar.

12.4.2 **Vjal Kulħadd**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li b'dispjaċir ġejna infurmati li l-proġett propost mill-Kunsill Lokali Hal Qormi ma ntgħażilx għall-iskema ta' Vjal Kulħadd għaliex il-proġett sottomess ma jaqax taħt il-kriterji ta' Infrastructure Malta, peress li il-proġett huwa relatat ma' ġonna.

**Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis** infurmat li intbagħtet ittra ta' oġġezzjoni.

**Il-Kunsilliera Elke Cassar Sghendo** qalet li ikun tajjeb li il-Kunsill japplika għal-permess tal-Awtorita tal-Ippjanar.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** saħaq li qabel ma jkun approvat il-proġett ma jintefqux aktar fondi.

### 12.4.3 Numri ġodda tal-Bibien u Konferma tal-Ismijiet ta' Toroq Ġodda

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-Kunsill Lokali Hal Qormi ġie innotifikat mis-Sezzjoni tal-Immaniġġar tal-Indirizzi fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali li it-toroq imsemmija ġew approvati kif propost mill-Kunsill Lokali u ngħataw numri ġodda tal-bibien.

1. **TRIQ DUN JOE CAMILLERI**
2. **TRIQ IL-KNISJA ARĊIPRETALI**
3. **TRIQ SAN BARTOLOMEW**

### 12.4.4 Sqaq 1, Triq il Blata, Qormi

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li is-Sur Joseph Pace de Gray li joqgħod fl-uniku propjetà fi Sqaq Nru 1 Triq il-Blata Hal Qormi, qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-isqaq imsemmi isir bil-madum porfido għal spejjez tiegħu.

Il-membri qablu li il-Kunsill jaċċetta din it-talba.

### 12.4.5 Ċitazzjonijiet Vetturi tal-Kunsill

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li waħda mill-vetturi tal-Kunsill tħarrket minn quddiem il-garaxx tal-kunsill fi Triq San Edwardu sakemm jinħareġ it-tiżjin tal-Milied mill-garaxx filwaqt li il-van tal-kunsill tħarrek għaliex ix-xufier kien qed jagħmel użu mill-mobile.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien max-xufier marru jikkontestaw iċ-ċitazzjoni li ittieħdet quddiem il-garaxx, wara li il-petizzjoni ġiet irrifjutata u il-kontestazzjoni ma ġietx milqugħa. Għaldaqstant ġejna immultati €11.65 u €104.82.

Il-membri qablu li dawn iċ-ċitazzjonijiet jitħallsu mill-Kunsill.

### 12.4.6 Kuntratt Knis – MOU Cleansing

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Cleansing ma jistgħux jiffirmaw l-MOU dan ix-xahar minħabba problemi loġistiċi fil-proċess tat-tender tagħhom.

Għaldaqstant instab kuntrattur privat sabiex jipprovdi servizz ta' emerġenza għal dan ix-xahar ta' Frar, bil-prezz ta' €6500 exc VAT għall-3 kenniesa full time. Filwaqt li il-Cleansing Department offrew li jagħtuna l-għajnuna tagħhom filgħaxija bħala back up mingħajr ħlas.

Il-membri qablu ma dan is-servizz ta' emerġenza.

**12.4.7 Monument John Laus**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li minħabba il-pożizzjoni fejn se jitpoġġa il-monument ta' John Laus fil-pjazzetta bejn Triq il-Vitorja u Triq tal-Ħlas, ser ikun hemm bżonn li jiċċaqlaq ftit metri wieħed mill-arbli tad-dawl li jinsabu fl-istess pjazzetta.

Il-membri qablu li il-Kunsill jaċċetta din it-talba.

**12.4.8 Arblu fuq il-Binja tal-Kunsill**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li minħabba li l-arblu fuq il-binja tal-Kunsill għandu bżonn manutenzjoni urġenti, dan se jitniżżel din il-ġimgħa stess sabiex jinbeda ix-xogħol fuqu.

Il-membri qablu li issir din il-manutenzjoni urġenti.

**Il-Kunsillier Doris Zammit** ġibdet l-attenzjoni tal-membri li fil-festi mhux qed insibu nies li jtellgħu il-bandiera.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** issuġġerixxa li issir lista bil-ġranet meta trid titla il-bandiera u lest li joffri jiġi hu u xi ħadd mill-Kunsilliera biex jiġi itella u iniżżel il-bandiera.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** offra li jiġi hu ukoll.

**12.4.9 Studenti tal-MCAST**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li il-Kunsill għamel talba għal studenti tal-MCAST sabiex jiġu jagħmlu xogħol volontarju permezz ta' restawr fuq niċeċ fil-lokalità ta' Hal Qormi, ġejna infurmati mill-Inġinier Paul Borg li minkejja li l-istitut jikkollabora ma' Kunsilli Lokali, bħalissa ma jistgħux jikkommettu ruħhom ma aktar Kunsilli Lokali minħabba li għandhom 8 studenti assenjati mal-Kunsilli ta' Birkirkara u Raħal Ġdid rispettivament. Għaldaqstant huwa nforma li din it-talba trid tintbagħat qabel Ottubru sabiex tkun tista' tiġi attwata matul is-sena skolastika li imiss.

**12.4.10 Ilmenti fuq dħaħen mill-fabbrika Snowhite**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara diversi ilmenti li il-Kunsill għadda lill-ERA rigward dħaħen li qed joħorġu mill-fabbrika Snowhite gejna infurmati li:

*"L-ERA tamministra netwerk ta' monitoraġġ tal-arja b'ħames stazzjonijiet fissi ta' monitoraġġ. Dawn l-istazzjonijiet jimmonitorjaw il-kwalità tal-arja skont l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva tal-UE dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, li hija ferm ogħla mir-rekwiżit għan-numru minimu ta' punti ta' kampjunar.* ***L-ERA ma twettaqx talbiet individwali għal monitoraġġ addizzjonali."***

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie issuġġeriet li niktbu lill Ministru għal-Ambjent li din ir-risposta m'hiex sodisfaċenti.

**12.4.11 Skema Project Green**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kif diġà ġie kulħadd infurmat l-aġenzija Project Green se tniedi skema mmirata speċifikament għall-Kunsilli Lokali sabiex inkomplu nżidu l-ammont ta' siġar u arbuxelli madwar il-pajjiż kollu.

Sa issa l-ebda kunsillier għadu ma iddentifika sit sabiex isir dan it-tħawwil, Is-Sindku fakkar li id-data tal-għeluq tas-sottomisjonijiet hi l-Ġimgħa, 21 ta' Frar, 2025.

Is-Sindku issuġġerixxa li min għandu xi suġġeriment jibgħathom permezz ta' email.

**12.4.12 Kawża il-Qorti re inċidenti fi Triq il-Mitħna u fi trejqa fejn kienu qed jaħdmu ir-Rock Cut**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill din il-ġimgħa rebaħ dawn iż-żewġ kawżi:

Bianco talbet madwar €8k dwar inċident fi Triq il-Mitħna u din il-kawża iridu jħallsu id-danni Infrastracture Malta.

Fil-kawża tas-Citadel id-danni iridu jitħallsu kollha mill-kumpanija Rockcut.

## 12.5 Ħwejjeġ Oħra

### 12.5.1 Kostruzzjoni ta' Triq San Bastjan

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat li illum tkellmet mal-Perit Rebecca Grech, il-Perit inkarigat minn Triq San Bastjan

Il-perit infurmat illi bħalissa qed isiru diskussjonijiet mal-entitajiet kollha qabel ma jingħataw il-fażijiet kif ser ikunu.

Il-perit infurmat illi hi konxja mill-Festa u li ser iddur mal-proġett, minħabba li il-proġett ma jistax isir fix-xitwa.

X'aktarx il-proġett mhux se jilħaq jibda kif kien propost fil-25 ta' Frar 2025.

### 12.5.2 Xogħol ta' Emerġenza fi Triq l-20 ta' Jannar

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li it-talba li kien hemm għal tower krejn fi Triq l-20 ta' Jannar twaqqfet minħabba li it-tower crane ser isir fil-propjetà fuq ġewwa.

Iżda fl-istess sit, ġurnata qabel il-maltempata ta' ftit tal-ġimgħat ilhu, sfrondat parti mit-triq fil-kantuniera tal-blokka, bil-perit tal-iżviluppatur jinfurmana b'dak li ġara u iissuġġeriet li kellu jittella ħajt (boundary wall) aktar il-barra u saru żewg zebra crossings temporanji u yellow lines faċċata tal-imsemmija blokka (propjetà tal-istess sid) għal-spejjeż tal-iżviluppatur.

### 12.5.3 Zebra Crossing fi Triq Antoine J Agius

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill-membri li il-kunsill Lokali kellu diversi talbiet sabiex iz-zebra crossing fi Triq Antoine J Agius isiru bil-belisha lights minħabba nuqqas serju ta' dawl f'dik l-akwata.

Il-Contract Manager tal-Kunsill informa li id-dawl jista' jittieħed miż-żewg linji viċin u hekk nifrankaw li nqattgħu it-tarmak

Il-Membri qablu sabiex din iż-zebra crossing issir bid-dawl belisha..

**12.5.4 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta – Maria Grazia Grech**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €135 li ċertu Maria Grazia Grech sofriet fi Triq il-Belt Valletta.

Wara li fis-seduta Nru 11 ġie deċiż li is-Sinjura Grech tintalab sabiex tivverifika id-data tal-ħlas tal-ispejjeż u tikkonferma id-data tal-inċident, is-Sinjura Grech preżentat kopja tal-bank statement fejn tihder id-data li nġibdu il-flus mill-kont tas-Sinjura Grech, liema kopja ta' bank statement mhux se jiġi preżentat pubblikament minħabba li fih dettalji u informazzjoni personali. Is-Sinjura Grech tkellmet ukoll mas-sid tal-ħanut tat-tyre fejn ikkonferma li kellu data ħażina fuq il-cash register.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 67.50, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

**12.5.5 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Ħammieri – Christian Mula**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €80 li ċertu Christian Mula sofra minħabba ħofra quddiem il-Convenience Shop fi Triq il-Ħammieri fil-11 ta' Diċembru 2024. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat illi il-hofra kienet ghadha ma ġietx patched fl-imsemmija ġurnata.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 40, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

**12.5.6 Talbiet għal kumpens minħabba ħsara fi Triq il-Belt Valletta – Steve Garrett**

**Id-deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda talba għal kumpens minħabba ħsara ta' €130 li ċertu Steve Garrett sofra minħabba ħofra viċin l-isptar St Thomas fi Triq il-Belt Valletta fis-27 ta' Diċembru 2024. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat illi il-ħofra kienet għadha ma ġietx *patched* fl-imsemmija ġurnata.

F'dawn iċ-ċirkustanzi id-deputat Segretarju Eżekuttiv qed tressaq din it-talba skont iċ-ċirkulari 3/2024 Proċedura Standard għal Talbiet ta' Kumpens.

Il-kunsill approva li sid il-vettura jingħata kumpens ta' € 65, skont il-policy tal-kunsill li il-kunsill jagħti nofs l-ispiża, bl-ispiża ma teċċedix it-€80 euro u għandu jiġi infurmat li tali ħlas qed jingħata mingħajr preġudizzju.

## 12.5.7 Lampi mibdula minn SON ghall-LED

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Contract Manager tal-Kunsill nforma li kien biddel 17 il-lampa minn SON għal-LED.

## 12.5.8 Bus Shelter fi Triq Anici - DN/01398/24

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li il-permess tal-Bus Shelter fi Triq Anici kien skada u sabiex jiġġedded irridu nkunu nafu jekk il-proġett hux ser isir.

Il-Membri qablu li dan il-proġett isir.

## 12.5.9 PA Application fi Triq il-Vitorja

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet sabiex tiġi diskussa l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar PA-8620-24, il-binja ċelesti fi Triq il-Vitorja faċċata ta' Triq it-Tabib Gorg Hyzler, minhabba li xi residenti infurmawha li tali binja se tkun f'zona UCA.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo u il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** fittxew fis-sistema tal-Awtorita tal-Ippjanar u sabu li iz-zona hija msejjħa Secondary Town u mhux UCA. Saret diskussjoni bejn il-membri u gie deċiż li ma sirx oġġezzjoni għaliex din l-applikazzjoni saret skont il-policy tal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 12.5.10 Laqgha mac-Chairman ta' Indis Malta

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa li iltaqa' ma Dr Attard ic-Chairman ta' INDIS Malta fejn tkellem miegħu fuq Ġnien Federico Maempel. Dr Attard informa lis-Sindku li il-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar għadhom ma ħarġux, il-pjanti għadhom iridu jiġu ippreżentati lill Awtorita' tal-Ippjanar irriveduti għaliex fejn hemm il-gabbani mhux se jintmess.

Dr Attard ippreżenta lis-Sindku draft tal-kuntratt, liema kuntratt is-Sindku qal li irid iżid ċertu klawsoli fosthom id-dati meta se jibda u jispiċċa ix-xogħol fuq il-ġnien fost affarijiet oħra.

Is-Sindku informa li fil-jiem li ġejjin ser issir laqgħa mal-Perit tal-Proġett sabiex juru il-Pjanti lill-membri tal-Kunsill li jogħġobhom jattendu għall-laqgħa jew jidħlu online.

Sadanittant il-Kunsill qabel li waqt il-laqgħa mac-CEO tal-Indis se jiġi mitlub li il-bandli u l-art ta' taħt li hemm perikoluż jitneħħa.

**12.5.11 Bankina ġdida fi Triq Mifsud Ellul**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lill membri li billi fis-seduti preċedenti ma ittieħdetx deċiżjoni finali minħabba li ma kienx hemm il-kunsilliera kollha preżenti qed jerġa itella il-każ tal-bankina fi Triq Mifsud Ellul għad-diskussjoni.

Is-Sindku nforma li wara li saret applikazzjoni għal-bankina ġdida fi Triq Mifsud Ellul, Transport Malta kitbulna lura u qed jitolbu pjanti ġodda. Transport Malta qed jistaqsu jekk hux ser jitħalla xi parkeġġ fit-triq jew ser jitneħħa il-parkeġġ mit-triq kollha u fl-eventwalita li se jitneħħa il-parkeġġ iridu isiru double yellow lines fuq iż-żewg naħat tat-triq.

Il-membri qablu li jiltaqgħu mas-sid tal-bankina li saret mingħajr permess, imma qablu li ma jittieħidx il-parkeġġ.

**12.5.12** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-Kunsill li il-ftehim li kien sar biex id-Dielja issir online bl-għajnuna tal-istudenta tal-MCAST ma rnexxiex. Għaldaqstant hija iltaqet mal-publisher li kien jieħu ħsieb id-Dielja fi snin preċedenti u offrilha li jippublika id-Dielja format online bi prezz ta' €2000 għal tliet ħarġiet fis-sena. Il-membri qablu.

**12.5.13** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lill-Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Fiona Borg Lewis iltaqet ma' Dr Sean Apap Meli, ex Kunsillier fejn saret laqgħa dwar il-Premju INT.

**12.5.14** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lil Kunsill li ser issir ħarġa għal Jum il-Mara. Is-Sinjura Zammit ipproponiet li il-Kunsill iħallas tat-trasport. Il-membri qablu.

**12.5.15** **Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lil Kunsill li qed taħseb sabiex f'Mejju tiġi organizzata ġurnata għal-Ruma.

**12.5.16** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab sabiex il-membri jingħataw kopja tal-Budget 2025.

12.5.17 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab sabiex niċċekkjaw fit-tenders x'inhuma id-deadlines li għandhom is-service providers. Is-Sur Zammit ġab l-eżempju tas-servizz tal-Perit fejn semma li jitlob li isir rapport u qed ikollu jistenna diversi xhur biex ikollu risposta. L-istess l-issues li jintbagħtu lill-entitajiet fosthom Transport Malta. Is-Sur Zammit issuġġerixxa li l-awtoritajiet għandna nagħtuhom deadline ta' meta jagħtu risposta.

12.5.18 **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa xi pjanijiet hemm wara li issir ir-rassenja ta' dawk li jarmaw il-monti u fl-eventwalita li ħafna minnhom se jispiċċaw ma jarmawx. Is-Sur Puli qed jistaqsi dan, għaliex kellmuh xi bejjiegħa u qed jinkwetaw li jekk isir hekk il-monti ser jispiċċa jiżżarma.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lis-Sur Puli li bħalissa qed isir eżerċizzju fejn qed jiġu iċċekkjati iż-żewg liċenzji, dik tat-trade u il-liċenzja li biha jistgħu jarmaw fuq il-monti ta' Hal Qormi. Wara li issir ir-rassenja ta' sitt darbiet se jiltaqa' il-Kumitat u jipprepara rakkomandazzjonijiet li se jittellgħu Kunsill u il-Kunsill jiddeċiedi xi jsir.

12.5.19 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li ir-Regjun ħareġ fond ta' €800 għall-Ġimgħa il-Kbira. Is-Sinjura Cassar Sghendo issuġġeriet li l-email tintbagħat lill-Għaqdiet kollha u min ikun interessat jibgħat il-proposta tiegħu.

12.5.20 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-Kunsill li kellha proposta mir-Regjun sabiex il-kunsill Lokali jikri spazju fil-garaxx tal-Kunsill biex jipparkjaw il-van tar-Regjun ġo fih u jħallsu il-kera lill-Kunsill.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lis-Sinjura Cassar Sghendo li il-garaxx jinsab mimli bl-affarijiet u bil-vetturi tal-kunsill u ma hemmx post fejn jiġi ipparkjat van ieħor.

12.5.21 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat il-Kunsill li rċeviet ilmenti fuq ir-road hump li saret fi Triq Awżara. Is-Sinjura Cassar Sghendo talbet sabiex jitkejjel l-għoli ta' din ir-rampa.

Is-Sindku informa li ġaladarba dawn kienu approvati minn Transport Malta, wieħed irid isuq bil-mod biex jgħaddi min fuqhom speċjalment jekk ikollok vettura baxxa bħal tiegħu.

12.5.22 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill membri dwar iċ-ċirkulari Use of Public Spaces u Use of Public Furniture. Is-Sinjura Cassar Sghendo infurmat lill-membri li se tkun qed tieħu ħsieb din l-inizjattiva hi flimkien mal-Kunsillier Fiona Borg Lewis.

12.5.23 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li hemm Fond Boosting Competitivness and Innovation. Is-Sinjura Cassar Sghendo infurmat lill-membri li se tkun qed tieħu ħsieb din l-inizjattiva hi flimkien mal-Kunsillier Fiona Borg Lewis.

12.5.24 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-membri li l-għada tal-Irxoxt se torganizza Egg Hunt fi Ġnien De La Cruz. Il-parteċipanti iħallsu talli jattendu u il-qliegħ li isir imur għal Karità.

12.5.25 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issuġġeriet biex fi Triq il-Vitorja faċċata tal-ħanut *Rainbow Stationery* il-parkeġġ isir forma dijagonali.

12.5.26 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet fhiex waslu il-proġetti proposti li għamilna lill Public Works.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-unika zewg proposti li sa issa taf li approvaw huma l-isqaq ta' fejn il-Hockey u Sqaq San Franġisk Nru 2.

Is-Sindku talab sabiex isir laqgħa mal-Perit tal-Public Works u ma l-Onor Omar Farrugia.

12.5.27 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa fhiex wasal il-proġett taz-zuntier tal-Knisja San Gorg u jekk hux ser isir proġett fi Pjazza San Franġisk

Is-Sindku informa lis-Sur Ablett li il-Parroċċa applikat għal-fondi tal-proġett taz-zuntier u fhiex wasal il-proġett il-Parroċċa tkun taf. Rigward Pjazza San Franġisk, is-Sindku informa li il-Kunsill ingħata fondi biex isir il-proġett ta' Pjazza San Franġisk il-proprja, wara li statwa tal-Madonna tal-Lourdes.

12.5.28 **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni fuq bankina li saret fi Triq Mdina kantuniera ma Triq Guze Galea. Is-Sur Puli informa lill-membri li Infrastructure Malta taqbad u tmur tagħmel bankini mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill.

12.5.29 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fis-seduta li imiss irridu ntellgħu għal-approvazzjoni il-kuntratt tal-Għaqdiet.

12.5.30 **Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li il-latrina ta' San Bastjan qed tiftaħ tard u tagħlaq kmieni. Ġie infurmat li bosta nies qed jispiċċaw jidħlu jagħmlu il-bżonnijiet tagħhom il-Knisja.

12.5.31 **Il-Kunsillier Alessio Decarlo** issuġġerixxa li il-Kunsill jixtri żewġ scooters għal-Pulizija tal-Komunità.

**Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***13 ta' Marzu 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |